MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-3 ta' Lulju, 2013

Rikors Numru. 9/2013

**Kenneth Gafa'**

**vs**

**Avukat Generali**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li ressaq ir-rikorrenti fis-6 ta' Frar 2013 li jaqra hekk:

Illi huwa kien ghamel kawza Kostituzzjonali deciza finalment fit-23 ta' Novembru 2012 u dan minhabba l-fatt illi kien qieghed jigi mcahhad mil-liberta' provizorja tieghu. L-ezitu ta' dik il-kawza kien sfavorevoli ghalih pero' naturalment huwa se jipprocedi ghal quddiem il-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem u dan dwar ic-cahda.

Waqt li kienu ghaddejjin il-proceduri pero’ iz-zmien tal-arrest massimu impost mil-ligi kien ghadda u allura huwa gie intitolat illi jinghata l-helsien mill-arrest. Illi huwa nghata l-helsien mill-arrest pero’ taht kundizzjonijiet tali illi sal-lum ghadu arrestat. L-akbar ostakolu kien id-depozitu ta’ hmistax-il elf Ewro illi naturalment, wara dawk ix-xhur kollha illi kien ilu l-habs, ma kellux il-mezz biex ihallashom. Prattikament, il-fatti kienu qeghdin juru illi waqt li kellu dritt ghal-liberta’, pero’ ma setax jaqta’ l-biljett biex johrog barra. Min ikollu l-flus, anke depozitu akbar minn dak, jista’ jigbru facilment, jiddepozitah u l-ghada jkun id-dar.

F’dan il-kaz, il-prova illi l-ammont kien esagerat tohrog mill-fatt illi huwa dak l-ammont ma setax ilahhaq mieghu u minkejja diversi rikorsi illi ghamel, baqa’ minghajr il-helsien minn tali arrest.

Illi apparti dak li jinghad mill-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem li sahansitra wiehed mill-ewwel kazijiet kien Nuemeister vs. Austria, il-Qrati taghna kellhom l-opportunita’ li jezaminaw dan il-kaz f’diversi okkazzjonijiet.

Ta’ min isemmi illi forsi l-iktar sentenza ricenti hija dik ta’ Richard Grech vs. Avukat Generali deciza fit-28 ta’ Mejju 2010.

Illi dik l-istess sentenza ghamlet gabra tal-gurisprudenza lokali u l-kazijiet fejn gie dejjem imsahhah il-principju illi l-kundizzjonijiet tal-liberta’ provizorja jridu jkunu tali illi fil-fatt <u>il-persuna ma tigix imcahhda mil-liberta’ provizorja</u>.

Huwa veru illi l-Qorti Kostituzzjonali f’dak il-kaz regghet baghtet kollox biex jigi deciz mill-Qorti kompetenti. Dan huwa zbaljat ghaliex meta wiehed jaccedi ghall-Qorti, ma jmurx ghal dikjarazzjoni biss imma jmur ukoll ghal rimedju.

Ghax kieku kien hekk, ghala fil-kawzi li ghandhom x’jaqsmu mal-proprjeta’, il-Qorti Kostituzzjonali tikkundanna ghal danni morali jew taghti rimedji ohrajn? Dawk l-istess kriterji japplikaw ukoll ghall-Qorti

Kostituzzjonali fil-kompetenza taghha dwar il-helsien mill-arrest.

Illi l-esponenti m’ghandux ghalfejn jiddilunga zzejjed ghaliex il-fatti jitkellmu wehidhom u hadd ma jista’ jichad il-fatti tal-kalendarju.

Meta saret il-ligi dwar iz-zmien massimu li wiehed jista’ jinzamm arrestat, dawk iz-zminijiet kienu stipulati bhala verament il-massimu u mhux illi jistghu jiggebbdu minhabba kundizzjonijiet illi kif qalet il-Qorti Ewropea, il-kriterji taghhom mhuma cari xejn.

L-ahhar talba giet michuda lbierah, 5 ta’ Frar 2013.

Talab l-attur jghid ghalfejn din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tiddikjara illi fl-impozizzjoni tal-ammont ezorbitanti ghall-kundizzjonijiet tieghu, hemm lezjoni tal-Artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem;

Konsegwentement, din l-Onorabbli Qorti, fit-termini tal-Artikolu 13 tal-istess Konvenzjoni, taghti rimedju effettiv hija stess billi jitnaqqas l-ammont;

Illi taghti kumpens xieraq ghad-danni morali sofferti mill-esponenti. Bl-ispejjez.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali li in forza taghha eccepixxa illi:

Permezz tal-azzjoni odjerna r-rikorrent qieghed jallega li l-kundizzjoni ta’ depozitu fl-ammont ta’ hmistax-il elf Ewro bhala wahda mill-kundizzjonijiet ghall-helsien mill-arrest huwa ‘ezorbitanti’ ghall-kundizzjonijiet tieghu u dan il-fatt huwa leziv tad-drittijiet fundamentali tieghu kif sancit fl-Artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni Ewropea. Ghalhekk, ir-rikorrent talab li din l-Onorabbli Qorti tnaqqas l-ammont stabbilit mill-Qorti kompetenti u taghti kumpens lir-rikorrenti;

L-esponent jirribatti li fic-cirkostanzi odjerni, il-lanjanzi avvanzati mir-rikorrent m'ghandhomx fondament guridiku fl-Artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni Ewropeja ghar-ragunijiet segwenti li qed jigu elenkati minghajr pregudizzju ghal xulxin:

L-Artikolu 5(3) u (1c) tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem jaghmilha cara li:-

*"(3) Kull min ikun arrestat jew detenut skond id-disposizzjonijiet tal-paragrafu (1)(c) ta' l-dan l-Artikolu ghandu jingieb minnufih quddiem imhallef jew funzjonarju iehor awtorizzat b'ligi biex jezercita setgha gudizzjarja u jkollu dritt ghal proceduri fi zmien ragonevoli jew ghal helsien waqt pendenza tal-proceduri. Il-helsien jista' jkun taht kundizzjoni ta' garanziji biex jidher ghall-proceduri."*

*"1(c) - L-arrest jew detenzjoni skond il-ligi ta' persuna effettwata sabiex tigi migjuba quddiem l-awtorita' legali kompetenti fuq suspett ragonevoli li tkun ikkommettiet reat jew meta jkun meqjus ragonevolment mehtieg biex jigi evitat li tikkommetti reat jew li tahrab wara li tkun ghamlet reat."*

Fic-cirkostanzi odjerni, ir-rikorrent hu akkuzat b'omicidju volontarju. Illi fost il-kundizzjonijiet imposti mill-Qorti kompetenti sabiex jinghata l-helsien mill-arrest, l-Onorabbli Qorti dehrilha li mill-assiem tal-fatti kien mehtieg li sabiex ir-rikorrent jinghata l-liberta provizorja u jigu accertati li l-provvedimenti tal-Kap 9 jigu osservati, ir-rikorrent ghandu fost kundizzjonijiet ohra, jiddepozita fir-Registru tal-Qorti s-somma ta' hmistax-il elf Ewro (€15,000). Illi l-fatt li l-ligi tesigi li l-helsien jista' jkun taht kundizzjoni ta' garanzija biex jidher ghall-proceduri gie interpretat bhala li ma jimplikax li jezisti dritt fondamentali ghall-liberta provvizorja.

Il-perijodu li fih ir-rikorrent inzamm taht arrest preventiv ma jikkostitwixxix perijodu vjolattiv tad-dritt ghall-process fi zmien ragjonevoli u dan specjalment meta wiehed iqis il-gravita' tar-reat illi r-rikorrent huwa akkuzat bih. Illi l-Qorti

Kriminali taghmel kundizzjionijiet ghall-helsien mill-arrest sabiex taccerta ruhha li r-rikorrent ma jaghmel xejn sabiex jintralcja l-andament tal-gustizzja jew jevadi ghal kollox lill-gustizzja. F'dan ir-rigward l-esponent jirrileva li r-rikorrent ma ghandux id-dritt li jimponi fuq il-Qorti kompetenti l-kundizzjonijiet ghall-beneficcju tal-harsien mill-arrest;

In kwantu ghall-Artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar li l-imsemmi depozitu ta' E15,000 ghandu jinghad li, l-ammont ta' garanzija li l-awtorita' gudizzjarja kompetenti thoss illi jkun mehtieg sabiex tassikura li l-imputat jidher quddiem il-Qrati ghall-process hija haga li taqa' fid-diskrezzjoni ta' dik l-awtorita' gudizzjarja ta' kompetenza penali u din l-Onorabbli Qorti, bhala Qorti ta' kompetenza Kostituzzjonali, m'ghandiex il-mansjoni li tirrevedi ammonti ta' garanzija li l-Qorti kompetenti tkun hasset illi huma mehtiega sabiex jigi assikurat li l-akkuzat jidher ghall-process, tenut kont tal-gravita tal-akkuza u l-assiem tac-cirkostanzi kollha, diment illi dik il-Qorti kompetenti tkun fil-fatt indirizzat ruhha ghall-konsiderazzjonijiet relevanti fil-materja. Inoltre, l-Artikolu 576 tal-Kap 9 jipprovdi li:

*"L-ammont tal-garanzija ghandu jkun fil-limiti stabbilit mil-ligi, skond il-kondizzjoni ta' l-imputat, ix-xorta u l-kwalita' tar-reat, u z-zmien tal-piena li ghaliha r-reat ikun suggett."*

l-Qorti kompetenti tikkunsidra s-sitwazzjoni finanzjarja ta' l-akkuzat bhala wahda mill-fatturi u certament mhux l-uniku fattur li jigi kunsidrat. Illi fic-cirkostanzi odjerni, il-Qorti kompetenti dehrilha li l-kundizzjoni ta' depozitu fl-ammont imsemmi kien necessarju fil-kaz odjern;

L-esponent ma jaqbilx li l-fissazzjoni tal-garanzija ghandha strettament tkun dipendenti fuq il-mezzi ta' l-akkuzat u li hija haga soggettiva. Ghad illi l-posizzjoni ta' l-akkuzat hija fattur rilevanti, il-Qorti li tkun qed tikkunsidra talba ghall-liberta provizorja xorta ghandha l-obbligu li tara li l-mod tal-garanzija rikjest ikun wiehed effettiv u li huwa ta' deterrent sufficjenti biex izommu milli ma jidhirx ghall-process. Altrimenti, jekk wiehed jaccetta li min m'ghandux sold m' ghandu jaghmel ebda garanzija wiehed ikun qieghed implicitament jaccetta ukoll sitwazzjoni fejn

akkuzat jigi rilaxxat minghajr ma jkun qieghed jiehu ebda sogru fil-kaz li ma jidhirx fil-process u fil-kaz li jahrab. Fil-kazijiet fejn l-akkuza tkun ta' reati gravi tali *modus operandi* huwa certament perikoluz u ma jissodisfax dak li trid il-ligi dwar il-garanzija li necessarjament trid takkompanja l-liberta provizorja.

Ghalhekk il-pretensjoni tar-rikorrent fir-Rikors promotur igib bhala konsegwenza l-Qorti f'posizzjoni li persuna li tallega li mhiex fil-qaghda finanzjarja li tiddepozita l-ammont stabbilit ghandha tigi rilaxxata minghajr ma taghti garanzi, liema garanziji fic-cirkostanzi jitqiesu li huma necessarji sabiex jiggarantixxu li l-akkuzat isegwi l-ordnijiet tal-Qorti u jidher ghall-process;

Fil-fatt, f'sitwazzjoni fejn il-Qorti thoss li tkun mehtiega garanzija ta' ammont gholi u l-akkuzat ma jkunx dispost jew f'posizzjoni li jaghmilha u jibqa' ghalhekk minghajr liberta provizorja ma tiksirx l-Artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni. F' dan ir-rigward l-esponent iccita silta mill-Qorti Ewropeja:

*"The Court wishes however, to emphasize that the concluding words of Article 5(3) (art. 5-3) of the Convention show that, when the only remaining reasons for continued detention is the fear that the accused will abscond and thereby subsequently avoid appearing for trial, his release pending trial must be ordered if it is possible to obtain from him guarantees that will ensure such appearance. It is beyond doubt that, in a financial case that in which Wemhoff was involved, an essential factor in such guarantees should have been the deposit by him of bail or the provision of security for a large amount. The positions successfully taken up by him on this matter (statement of facts paras. 5 and 14) are not such as to suggest that he would have been prepared to furnish such guarantees."*

Ghandu jinghad li jekk l-akkuzat ma jistax jaghti dik il-garanzija, allura l-konsegwenza logika hi li l-koncessjoni tal-liberta' provizorja ghandha tigi revokata u mhux titnehha l-garanzija mehtiega mill-ligi, permessa mill-Konvenzjoni u necessarja sabiex tassigura l-idoneita' tal-

persuna biex jinghata l-liberta’ provizorja. Dan jirrizulta car anki minn dak gia citat mis-sentenza fil-kaz *Wemhoff* fejn inghad *“… his release pending trial must be ordered, if it is possible to obtain from him guarantees that will ensure such appearance.”* (sottolinear tal-esponenti). Dan ifisser li jekk il-Qorti hi tal-fehma li sabiex tassigura l-presenza ta’ persuna fil-Qorti jehtieg li dan jipproduci garanzija pekunjaria, anki jekk tkun wahda sostanzjali, u l-persuna koncernata dik il-garanzija ma jkunx jista’ jaghtiha, allura l-Qorti tista’ tichad il-liberta’ provizorja anki jekk *“the only remaining reasons for continued detention is the fear that the accused will abscond”;*

Huwa car kemm mill-kliem ta’ l-Artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni Ewropeja kif ukoll mill-Gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja in materja (vide *Wehmoff*), li l-ghoti tal-liberta provvizorja jrid isir abbazi ta’ assiem ta’ numru ta’ kriterji li ghandhom aspetti kemm soggettivi kif ukoll oggettivi izda qatt ma kien kriterju li jekk persuna ma tistax taghti l-garanzija li l-Qorti jidhrilha necessarja, allura isegwi awtomatikament li dik il-persuna ghandha tinghata l-liberta’ provizorja minghajr depozitu stabbilit mill-Qorti kompetenti.  Illi l-esponent jsostni li l-Qorti kompetenti apparti l-element soggettiv ghandha taghti konsiderazzjoni xierqa lill-aspett oggettiv u cioe lil htiega li l-konsiderazzjonijiet tal-liberta provizorja jkunu tali li oggettivament ikunu verament kapaci jassikuraw li l-persuna akkuzata tottempera ruhha ma’ l-ordnijiet tal-Qorti u tidher ghall-process;

Huwa principju ben assodat li l-kondizzjonijiet ghall-helsien mill-arrest ghandhom jitqiesu bhala assiem wiehed ta’ kondizzjonijiet li huma kollha kondizzjonijiet u relatati ma xulxin bhal katina.  Fl-umli fehma tal-esponent, wiehed ma jitax semplicement inehhi jew inaqqas wahda minn dawn il-kondizzjonijiet skont l-esigenzi tal-akkuzat u dan specjalment meta, il-kondizzjoni li tigi limitata jew addirittura imnehhija tkun proprju dik il-kondizzjoni intiza sabiex tiggarantixxi l-osservanza tal-kondizzjonijet l-ohra;

Inoltre, ghandu jinghad ukoll li r-rikorrent waqt li kien qieghed il-Habs, sahansitra ma qghadx ghall-ordnijiet li

tawh l-ufficcjali tal-Habs, tant li anke kellu jiccaqlaq f’divizjoni ohra tal-Habs;

Kien hemm zmien ukoll li r-rikorrent allontana ruhu minn Malta. Il-Qorti ta’ Strassburgu titkellem dwar riskju li jahrab u mhux li hemm certezza li dan ser jahrab. Dan ifisser li l-Qorti trid tigbed konkluzzjoniet mill-fatti ezistenti;

Minghajr pregudizzju ghas-suespost fir-rigward tar-rimedju mitlub, l-esponent jirrileva li fi kwalunkwe kaz, il-kundizzjonijiet necessarji ghal tali helsien ghandhom jigu stabbiliti mill-Qorti ta’ Gurisdizzjoni Kriminali u mhux minn Qorti ta’ Gurisdizzjoni Kostituzzjonali.  Illi ghalkemm din l-Onorabbli Qorti tista’ taghti kull rimedju li jidhrilha xieraq, madanakollu hija l-umli fehma ta’ l-esponent li ma jridx jintesa’ li l-iskop tad-dispozizzjonijiet dwar id-drittijiet fundamentali huwa sabiex jigu stabbiliti *standards* u s-sejbien ta’ vjolazzjoni ta’ dawn l-*istandards* huwa r-rimedju ewlieni;

Ghar-ragunijiet fuq spjegati, huwa car li tenut kont tal-gravita’ tal-akkuza u tal-komplessita’ tal-kaz in ezami ma hemm l-ebda ksur tal-Artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni Ewropeja u ghalhekk l-esponent jopponi t-talbiet kif avvanzati fir-Rikors Promotur bhala infondati fil-fatt u fid-dritt stante li m’hemm l-ebda vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent li jirrizultaw mic-cirkostanzi kif spjegati fl-istess Rikors;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri, jekk ikun il-kaz.

Ghaldaqstant, l-esponent jitlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet kif dedotti fir-Rikors Promotur bhala infondati fil-fatt u fid-dritt stante li ma hemm l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem ai termini tal-Artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni Ewropea fil-konfront tar-rikorrent; bl-ispejjez kontra tieghu.

Rat l-atti tal-process kriminali pendenti kontra r-rikorrenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati, bhala Qorti Istruttorja;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tar-rikorrenti;

Ikkunsidrat;

Illi jirrizulta li r-rikorrent ghaddej proceduri kriminali quddiem il-qorti kompetenti peress li jinsab akkuzat b'omicidju u ilu arrestat sa mill-11 ta' Dicembru 2010. Wara certu zmien, ir-rikorrent beda jitlob il-helsien mill-arrest, izda t-talbiet tieghu dejjem gew michuda. Wara li kien ilu detenut kwazi hmistax-il xahar u nofs, ressaq kawza quddiem din il-Qorti (rikors numru 22/12) fejn talab li jigi dikjarat li z-zamma tieghu taht arrest kienet qed tkun bi ksur tal-artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem. Kemm din il-Qorti, bis-sentenza taghha tas-27 ta' Gunju 2012, kif ukoll il-Qorti Kostituzzjonali, bis-sentenza tat-23 ta' Novembru 2012, cahdu l-ilment tar-rikorrent, bazikament ghax ma kinux tal-fehma li hu seta' jaghti garanziji sufficcjenti skont il-ligi.

Gara li, iz-zmien tal-arrest massimu impost mil-ligi eventwalment skada u r-rikorrent kien intitolat illi jinghata l-helsien mill-arrest. Huwa, fil-fatt, inghata dan il-helsien fit-22 ta' Awwissu 2012, pero', skont hu, taht kundizzjonijiet li jaghmluha difficli ghalih li jgawdi mil-liberta' koncessa lilu. Ir-rikorrent qieghed, prattikament, jilmenta mid-depozitu ta' €15,000 li gie mitlub jaghmel bhala garanzija ghall-helsien mill-arrest. Ir-rikorrent jilmenta illi hu ma ghandux il-mezzi biex ihallas din is-somma u qieghed, ghalhekk, jigi ingustament imcahhad mid-dritt tieghu ghal-liberta' provizorja.

Kif qalet il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza "<u>Grech vs. Avukat Generali</u>", deciza fit-28 ta' Mejju 2010:

"*Ghalhekk, darba stabbilit li l-Qorti Kriminali kienet gia' accettat li r-rikorrent kellu effettivament jinghata l-liberta' provizorja kien jinkombi fuqha li tistabbilixxi taht liema kundizzjonijiet xierqa r-rikorrent kellu jigi mehlus billi jipprovdi garanzija adegwata li tassikura li huwa jidher*

*ghas-smigh tal-process. La darba dawn il-garanziji kienu ser jinkludu wkoll depozitu ta' flus, din il-kundizzjoni pekunarja kellha tigi kkunsidrata b'referenza ghall-persuna u l-mezzi tal-imputat u r-relazzjoni tieghu ma' min seta' jaghti garanzija ghalih. Ghalhekk, il-Qorti Kriminali kellha tara liema l-mezzi kellu disponibbli l-imputat qabel tiddetermina l-ammont tal-garanzija biex b'hekk tistabbilixxi liema ammont kien, fid-diskrezzjoni taghha, adegwat biex jissodisfa dawn il-kriterji. L-ewwel Qorti stabbiliet li dan l-ezercizzju ma sarx ghalhekk ghaddiet biex taghmel l-ezercizzju hi.*"

Dan ifisser li l-kundizzjonijiet marbuta mal-ghoti ta' helsien mill-arrest ma ghandhomx jigu stabbiliti in vacuo, izda jrid jittiehed in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, partikolarment il-kundizzjoni finanzjarja tal-akkuzat.

Kif qalet, pero', il-Qorti Ewropea tal-Gustizzja, b'sede fi Strasbourg, fil-kaz "Iwanczuk v. Poland", deciza fil-15 ta' Novembru, 2011:

"*The accused whom the judicial authorities declare themselves prepared to release on bail must faithfully furnish sufficient information, that can be checked if need be, about the amount of bail to be fixed.*"

F'dan il-kaz, ma jidhirx li r-rikorrent issodisfa dan l-obbligu impost fuqu. Hu jghid li ghamel zmien jaghmel diversi xoghlijiet bhal bus driver, horse trainer u affarijiet ohra, izda minn mindu gie arrestat ma jistax ikompli jahdem. Kien dmir tar-rikorrent li, quddiem il-Qorti tal-Magistrati, juri kemm kien il-qligh tieghu, x'ghandu mfaddal u jressaq prospett tal-assi kollha tieghu. Huwa pprezenta kopja tas-self-assessments li pprezenta ghall-fini tat-taxxa fuq id-dhul ghas-snin bazi 1998 – 2011, pero', aktar minn hekk ma ghamel xejn. Jekk akkuzat jissottometti li d-depozitu ta' flus irid ikun baxx, irid hu juri sa fejn jista' jasal, u dan billi jindika b'mod fidil xi proprjeta' jew gid ghandu, anke, jekk hemm bzonn, billi jipprezenta ricerki mir-Registru Pubbliku dwar l-immobbli li jista' jipposjedi; hu jrid juri mhux biss li ma ghandux flus biex iservu bhala depozitu, izda wkoll li jinsab fl-impossibilita' oggettiva, li jsib il-mezzi

mehtiega. Irid juri wkoll li ma jirnexxielux isib persuni li joffru li jghinuh billi jidhlu garanti. Hu biss b'dan il-mod, li l-akkuzat ikun qed iwettaq l-obbligu "*to faithfully furnish sufficient information*" biex il-qorti kompetenti tkun tista' verament tasal ghall-gudizzju oggettiv taghha. Jekk l-akkuzat jonqos milli jwettaq dan l-obbligu tieghu, ma jistax wara jilmenta li l-qorti ma kinitx gusta mieghu.

A bazi tal-provi prodotti mill-istess rikorrent, u meta tqis il-gravita' tar-reat u l-piena applikabbli, din il-Qorti ma tarax li l-qrati b'kompetenza kriminali kienu mhux gustifikati jew irragjonevoli fil-kundizzjonijiet marbuta mal-helsien mill-arrest. Il-Qorti tirreferi wkoll ghall-fehma tal-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza li tat fit-23 ta' Novembru 2012, li r-rikorrent ma kienx jaghti fiducja li ma kienx se jkun hemm "*intralc fil-provi*", u alavolja, quddiem il-Qorti tal-Magistrati, il-prosekuzzjoni ddikjarat li ghalqet il-prova taghha (u dan fis-seduta tal-31 ta' Jannar 2013), xorta jrid jibqa' garantit li l-provi jibqghu ma jitmessewx, u allura l-htiega ta' garanzija adegwata u xierqa.

Din il-Qorti, ghalhekk, ma tistax tilqa' t-talba tar-rikorrenti ghax ma weriex li quddiem il-qrati kompetenti ressaq bizzejjed evidenza biex ikun jista' jsostni l-argumenti tieghu li dawk il-qrati imponew "ammont ezorbitanti" bhala depozitu.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mit-talbiet tar-rikorrenti Kenneth Gafa', billi tichad l-istess, bl-ispejjez kollha kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------